# Ta’ qabel l-ewwel Kapitlu

Din storja li ġrat lili. Mhix ħaġa daqshekk normali li ssalva renju. S’issa ġratli darba biss. U dakinhar li salvajt ir-Renju tar-Re Pankrazju IV, kont waħdi. Imma lil oħti wegħedtha li darb’oħra neħodha miegħi.



Biex tifhem sew, irrid ngħidlek xi ħaġa fuq Melanie Cassar – oħti l-kbira. Imbagħad ngħidlek xi ħaġa fuq il-kamra tal-kotba. U wara fuq ir-Renju tar-Re Pankrazju IV. Imma qabelxejn, xi ħaġa fuqi:

Jake Cassar.

Illum għandi 8 snin, twil metru nieqes ftit, xagħri nokkli żgħar kulur is-sadid, rasi tonda bħal ballun, ġilda bajda qisni rajt xi fatat u ħalqi dejjem miftuħ qisni qed nistenna bajtra. Hekk tgħidli l-mamà. Dakinhar li salvajt renju sħiħ, kont għadni ma nafx nikteb u ma tantx kont naf naqra. Oħti tgħidli li jiena ftit gażżu. U li jien ħabba gozz.

Jista' jkun.

